# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Yana Micallef Stafrace LL.D.

**Il-Pulizija**

**(Spettur Clayton Camilleri)**

**Vs**

**Chantelle Grech**

**Kawza: Distrett Naxxar**

**Illum,** 4 ta`April, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra **Chantelle Grech**, ta' 33 sena bint Carmelo Grech u Antonia nee' Caruana, imwielda Pieta' fit-23/09/1987 u residenti gewwa Ent E, Flat, Binja Imsierah taz-Zwejt, Tayar, San Gwann, detentrici tal-karta tal-identita' numru 428087 M akkuzzata talli nhar it-28 ta' Novembru, 2020 kif ukoll fiz-zmien u xhur ta' qabel gewwa dawn il-Gzejjer Maltin;

1) B' diversi atti maghmulin minnek li gew maghmula fi zmienijiet differenti pero' li jiksru l-istess disposizzjonijiet tal-ligi, gejt hati ta' reat kontinwat;
2) Aktar talli bejn l-20 Gunju 2020 u t-28 ta' Novembru 2020 permezz ta' xi network jew apparat ta' kommunikazzjoni elettronika ghamilt uzu mhux xieraq bih.

Il-Qorti giet gentilment mitluba, bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta' tal-persuna offiza u cioe' Rose Anne Micallef Engerer jew ghaz-zamma ta' l-ordni pubbliku jew ghall-iskop tal-protezzjoni tal-persuna msemmija u l-familjari taghha minn fastidju jew imgieba ohra li tikkaguna biza ta' vjolenza, tohrog ordni ta' protezzjoni kontra Chantelle Grech skond l-Art. 412C tal-Kap. 9 u f' kaz ta' htija, il-Qorti hija mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Rose Anne Micallef Engerer u l-familja taghha ai termini tal-Artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-affidavit ta' PC 602 N Tabone Borg ipprezentat mat-tahrika tax-xhieda; semghet ix-xhieda ta' Rose Anne Debono li ipprezentat ittra ufficjali Dok RAD fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023; ta' Yanika Saliba fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023;

Rat id-dokumenti ezebiti PIRS report Dok CC u CC1 sensiela ta' messaggi u referta rigwardanti l-preskrizzjoni Dok A ipprezentati fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023

Rat li fis-seduta tal-21 ta' Frar, 2023 Rose Anne Debono ikkostitwiet ruhha bhala *parte civile.*

Rat li l-imputata ghazlet li ma tixhidx.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-artikoli 18 tal-Kap. 9, Art 49 (c) tal-Kap. 399, l-artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ix-xhieda, id-dokumenti u l-atti kollha;

Ikkunsidrat,

Provi tal-prosekuzzjoni

**Affidavit ta' PC 602 N. Tabone Borg**ipprezentat mat-tahrika tax-xhieda. Tiddikjara li nhar it-tmienja u ghoxrin ta' Novembru tas-sena elfejn u ghoxrin (28/11/2020) ghall-habta ta' 13:49 hrs gewwa l-ghassa tan-Naxxar Rose Anne Micallef Engerer irrapportat li min 20/06/2020 sallum il-gurnata kienet qed tircievi messaggi min certa Chantelle Grech li hija l-ex siehba tal-partner li qed tohrog mieghu l-kwerelanta. Il-kwerelanta stqarret li dak inhar waqt li kienet gewwa l-Gharghur irceviet messaggi min fuq facebook messenger min certu Yanica Saliba fl-isem Chantelle Grech.

Il-kwerelant giet mistoqsija jekk hi kienetx qalet lil Chantelle Grech li kienet qed tiddejjaq b' din l-attitudni fejn hi stqarret li qatt ma kellmitha izda li li hi blokjata minn kull tip ta' komunikazzjoni u b' hekk qed tibghat min profile ohrajn ta' nies differenti. Hi stqarret li lil Yanika Saliba hija ma tafiex.

Rigward dan ir-rapport giet miktellma l-imputata sabiex jigi jkompli jigi investigat dan ir-rapport.

Nhar it-28 ta' Novembru, 2020 giet ikkuntatjata Yanika Saliba sabiex tattendi l-ghassa tan-Naxxar.

Sar ukoll kuntatt ma' Chantelle Grech sabiex din tattendi l-ghassa tan-Naxxar fejn din stqarret li thossha ma tiflahx u tahseb li ghandha l-corona <u>fejn ser tigi mitkellma fuq it-telephone. [emfazi mizjuda].</u>

Nhar il-29 ta' Novembru, 2020 ghall-habta ta' 18:15hrs Chantelle Grech giet mitkellma dwar dan ir-rapport fejn din giet moghtija is-solita twissija fejn hi stqarret li ser tkellem lil avukat taghha. Chantelle Grech stqarret li hi baghatet dawn il-messaggi minhabba it-tfal taghha.

Nhar id-29 ta' Novembru, 2020 ghal habta ta' 18:51 hrs giet mitkellma Yanika Saliba minn fuq it-telephone minhabba li Chantelle (person related) kienet qed thossha ma tiflahx u meta intbghatu l-messaggi minn fuq il-profile ta' Yanika dawn setghu kienu flimkien u ghalhekk il-pulzija hasset il-htiega li jkellmu lil Yanika fuq it-telephone. Yanika stqarret li mhux suppost nohdulha l-verzjoni minn fuq it-telephone fejn kull darba li bdiet tigi mitkellma din bdiet taqta' l-linja fejn saru madwar tlett tentattivi biex tigi mitkellma izda dejjem qatat il-linja u meta regat giet ikkuntattjata il-mobile ma kienx disponibbli.

Rigward dan ir-rapport ser jinhargu akkuzi fil-konfront ta' Chantelle Grech rigward uzu mhux xieraq ta' mezzi ta' kommunikazzjoni.

**Rose Anne Debono**, il-*parte civile*, xehedet fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023. Ix-xhud taghraf lil imputata fl-awla. Tixhed:

> "Xhud: Jiena bdejt nircievi diversi messaggi fuq il-mobile tieghi anka mhux minn ghandha biss anka persuni ohra kienet theddidni li anka ha tigi ghalija fuq il-post tax-xoghol fejn nahdem gewwa l-Isptar Mater Dei u hafna kliem oxxen sesswalment dan kollu ghax jien kont u ghadni nohrog ma l-Ex taghha. Umbaghad spiccajt mort naghmel rapport lil pulizija."

Tghid li dawn l-affarijiet ilhom ghaddejin xi tmien xhur. Ghandha screenshots u ghandha ukoll garanzija.

Tixhed li dawn il-messaggi intbghatu ghall-habta ta 20 ta`Gunju 28 ta`Gunju u 29 ta` Novembru. Dan in-nhar marret l-ghassa tal-pulizija wara li rceviet hafna theddid u kliem hazin u oxxen. Dak in-nhar stess il-pulzija mill l-Ghassa tan-Naxxar qalulha li ha jkellimha u ha jibaghat ghaliha.

Murija sensila ta' messaggi Dok CC1 tirrispondi li l-imputata kienet tibghatilha messaggi fuq il-mobile taghha u li jihder sew isimha ukoll.

Bhala dati 20 ta`Gunju zgur 29 ta`Gunju dawn kienu id-dati li jiena ghamilt il-photocopies tal-screenshots tal-kliem pastaz.

Mistoqsija kif kienet tkun taf minghand gejjin il-messaggi tirrispondi

> "Xhud: Mhux ovvja kien ikun hemm isimha mingahnd Chantelle Grech u kienet taqbad diversi mobiles ohra li jien ma nkunx naf min huma dan-nies hawn wahda xhud illum ukoll filfatt u ninduna mill-messaggi u nghid ara reget qamet qed taqbad mieghi u naqbad u nimmblukkaha kont diversi drabi filfatt fi screenshots hemm hafna miktub li I blocked her ukoll ghax jien qatt ma irrispondejtha biex ma naqax ghall dak il-livell."

Ix-xhud tghid li wara dawn l-incidenti kienet ibblokkjatha.  Ghamlitha l-garanzija bl-avukat biex thallieha bi kwietha. – ittra datata 2 ta`Marzu, 2021 (Dok RAD). Ix-xhud tghid li l-imputata wara li rceviet din l-ittra ufficjali qaghdet kwieta.

**Yanika Saliba xehedet** fis-seduta tal-28 ta' Settembru, 2023. Il-Qorti tat il-caution lix-xhud li jekk tahseb li ser tinkrimina ruhha ghandha d-dritt li ma tixhidx. Ix-xhud ghazlet li tixhed.

Ix-xhud taghraf lil imputata, Chantelle Grech li hija habiba taghha fl-awla.  Fuq l-imputazzjonijiet tixhed li  Chantelle Grech kienet qaltilha li xtaqet tkellem lil ex-boyfriend taghha.  Chantelle Grech kienet kellmitu waqt li li afdatilha l-mobile  x' ìntqal u ma ntqalx ma tafx.

Mistoqsija mill-Qorti jekk ratx lil min ghamlet il-messaggi tirrispondi

Xhud: Noo messages were deleted woke up in the morning the next day normally nircievi telefonata mill-Ghassa in the unknown u jghiduli li inti rid tigi hawnekk ghedtilhom xġara? Ma riedux jghiduli ghalfejn jiena mort u qaluli ghax intuza l-mobile tieghek ukoll u ma semmewliex aqqas lilha igifieri jien ghedt kif jista jkun u ghedtilha ovvjament qed ninkwieta umbaghad ghamilt 1 plus 1 ghedt forsi dan, kellimt lilha qaltli anki lili cemplu ghedtilha xġara u ma garax, jiena qaltli ma nafx jiena bqajt il-ma nafx issa spiccajt hawnekk.

Ix-xhud tghid li  iz-zmien ma kienitx taf lil  Rose Anne Debono. Ma tiftakarx meta dan gara. Il-Pulzija qaluha li kienu ntbghatu l-messaggi minn fuq il-mobile taghha.

Ma tafx x' kien hemm fil-messaggi.

Ikkunsidrat

L-akkuzi jikkoncernaw messaggi ta' natura ingurjuza li allegatament ibtbghatu mill-imputata lil parte civile minn Facebook messenger.

Qed jigi premess li meta l-partijiet fi proċeduri penali, jagħżlu li jresqu prova, huma jridu jissodisfaw il-*best evidence rule*, ċjoe jridu jresqu l-aħjar prova li tkun tista' tiġi preżentata fil-każ konkret.

Illi għas-sejbien ta' ħtija kriminali il-Qorti trid ikollha ċertezza morali dwar il-ħtija tal-imputat, fi kliem ieħor trid tkun konvinta lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni mill-provi imressqa mill-Prosekuzzjoni, u li dawn il-provi ma jkunux ġew newtralizzati mid-difiża fuq bażi ta' probabbilta. Din iċ-ċertezza trid tkun tkun radikata f'eżami sħiħ u diliġenti tal-evidenza u s-sottomissjonijiet kollha miġjuba, tal-provi kollha ta' kull xorta li jkunu tressqu quddiemha u li jifformaw parti mill-atti proċesswali, u f'xejn iktar jew inqas minn hekk. Il-liġi penali ma teħtieġx li biex persuna tiġi misjuba ħatja il-ġudikant irid ikun assolutament ċert dwar il-ħtija u dan għaliex dan il-livell ta' prova mhux faċli jintlaħaq. Iċ-ċertezza morali, diversament miċ-ċertezza assoluta, hija l-ogħla threshold ta' prova li l-liġi teħtieġ fl-ordinament ġuridiku tagħna sabiex Qorti ta' ġustizzja kriminali tkun tista' ssib persuna akkużata ħatja ta' reat kriminali. Jinkombi għalhekk fuq il-Prosekuzzjoni li ġġib il-provi kollha u l-aħjar prova possibbli sabiex dan il-grad tal-prova jintlaħaq b'suċċess.

Illi kif ingħad ukoll f' diversi sentenzi fosthom Il-Pulizija v. Ali Mohammed Ali Alturouq[1], il-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Inferjuri) riteniet

> "20. U huwa biss meta jkun hemm id-dubju veru, bażat fuq ir-raġuni, fuq is-sens komun u fuq il-buon sens, ċjoe d-dubju li jibqa' jippersisti wara li jsir stħarriġ dettaljat u b'attenzjoni, b'diliġenza u b'mod imparzjali tal-provi u l-argumenti kollha li jkunu ġew imresqin mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiża li mbagħad, jekk jibqa' jippersisti dan id-dubju, jkun jista' jingħad li dak il-livell ta' sikurezza, ossija suffiċjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni ma jkunx intlaħaq; u li allura bħala konsegwenza, il-Qorti ma tkunx tista' tiddikkjara lill-ħati tal-akkużi miġjuba kontrih."

Ikkunsidrat

Fil-kaz in ezami l-unika prova li tressqet mill-prosekuzzjoni hija x-xhieda tal-*parte civile* li ezebiet numru ta' messaggi li hija rceviet tramite facebook messenger u ta' Yanika Saliba

[1] Qorti tal-Appell (Inferjuri), Appell Nru. 17/2021, decizia 24.06.2021

li mill-mobile taghha allegatament intbghatu messaggi lil *parte civile* minghand l-imputata. Ix-xhud Yanika Saliba ma rat ebda' messagg fuq il-mobile taghha.

Ma giet prodotta ebda' prova li l-messaggi intbghatu mill-imputata jew minn terzi permezz ma ttellghet ebda prova minn service providrer li l-IP address kien tal-imputata jew tat-terz sabiex jigi verifikat minn fejn originaw il-messaggi.

Kunsidrat ukoll li l-fatt li jkun hemm isem fuq messenger minn profile ta' facebook ma jfissirx li l-identita' tal-persuna li taghha hemm l-isem tal-profil fuq il-Facebook huwa ipprovata.

Il-Qorti tqis li l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-imputata ma gewx ipprovati fil-grad rikjest fil-ligi penali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikolu tal-Ligi u cioe' -artikoli 18 tal-Kap. 9, Art 49 (c) tal-Kap. 399, l-artikoli 383, 384, 385, 412C u 412D tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta issib lil **Chantelle Grech** mhux ħatja tal-imputazzjonijiet kollha stante li ma ġewx soddisfaċentement ippruvati sal-grad rikjest mill-Liġi u għalhekk qegħdha tilliberaha minn kull ħtija u piena dwarhom.

**DR. YANA MICALLEF STAFRACE LL.D.**
**MAGISTRAT**

**Doris Serpina Sciberras**
**Deputat Registratur**